Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2023/0164(COD)

18.9.2023

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/18/KE li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu
(COM(2023)0270 – C9-0189/2023 – 2023/0164(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Caroline Nagtegaal

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 18

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/18/KE li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu
(COM2023)0270 – C9-0189/2023 – 2023/0164(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0270),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0189/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta' ...[1] ,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ta' ... [2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A9-0000/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 7

[1] Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
[2] Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-bastimenti tas-sajd b'tul ta' inqas minn 15-il metru bħalissa huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/18/KE, u għalhekk it-twettiq ta' investigazzjonijiet ta' aċċidenti marittimi li jinvolvu tali bastimenti tas-sajd ma huwiex sistematiku u ma huwiex armonizzat. ***Bastimenti bħal dawn huma aktar suxxettibbli li jegħrqu u huwa relattivament komuni li l-membri tal-ekwipaġġ jaqgħu fil-baħar. Għalhekk, hemm il-ħtieġa li jiġu protetti dawk il-bastimenti tas-sajd, l-ekwipaġġi tagħhom u l-ambjent billi tiġi introdotta*** valutazzjoni preliminari tad-diżgrazzji tal-baħar serji ħafna li jinvolvu bastimenti tas-sajd b'tul ta' anqas minn 15-il metru biex jiġi ddeterminat jekk jenħtieġx li l-awtoritajiet jiftħu investigazzjoni dwar is-sikurezza.	(7) Il-bastimenti tas-sajd b'tul ta' inqas minn 15-il metru bħalissa huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/18/KE, u għalhekk it-twettiq ta' investigazzjonijiet ta' aċċidenti marittimi li jinvolvu tali bastimenti tas-sajd ma huwiex sistematiku u ma huwiex armonizzat. ***L-introduzzjoni ta' possibbiltà għal*** valutazzjoni preliminari tad-diżgrazzji tal-baħar serji ħafna li jinvolvu bastimenti tas-sajd b'tul ta' anqas minn 15-il metru biex jiġi ddeterminat jekk jenħtieġx li l-awtoritajiet jiftħu investigazzjoni dwar is-sikurezza ***ġġib magħha xi benefiċċji f'termini ta' protezzjoni ta' dawk il-bastimenti tas-sajd u l-ekwipaġġ tagħhom. Madankollu, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni ex ante u analiżi tal-kostijiet imqabbla mal-benefiċċji tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni għal bastimenti tas-sajd b'tul ta' anqas minn 15-il metru sabiex jiġi evitat kwalunkwe piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet tal-investigazzjoni nazzjonali.***

Or. en

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Fid-dawl ta' dak li ġie ddikjarat, jenħtieġ li l-EMSA torganizza taħriġ dwar tekniki speċifiċi u dwar żviluppi u teknoloġiji ġodda li jistgħu jkunu rilevanti ***għall-investigazzjoni*** tal-aċċidenti fil-futur. Tali taħriġ jenħtieġ li jiffoka, fost l-oħrajn, fuq fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, li huma partikolarment rilevanti fid-dawl tal-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %", u fuq l-awtomatizzazzjoni, kif ukoll fuq ir-regoli tar-Regolament Ġenerali dwar il-	(12) Fid-dawl ta' dak li ġie ddikjarat, jenħtieġ li l-EMSA torganizza ***sessjonijiet ta'*** taħriġ ***u programmi ta' ċertifikazzjoni regolari*** dwar tekniki speċifiċi u dwar żviluppi u teknoloġiji ġodda li jistgħu jkunu rilevanti ***għall-investigazzjonijiet*** tal-aċċidenti fil-futur. Tali taħriġ jenħtieġ li jiffoka, fost l-oħrajn, fuq fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, li huma partikolarment rilevanti fid-dawl tal-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %", u fuq l-awtomatizzazzjoni,

Protezzjoni tad-Data (GDPR).	kif ukoll fuq ir-regoli tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR).

Or. en

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Sabiex ikun żgurat li l-Annessi jkunu aġġornati, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li jiġi ddelegat lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Annessi fid-dawl tal-bidliet fid-dritt marittimu internazzjonali, kif irregolat mill-IMO. Huwa ta' importanza partikolari li waqt il-ħidma preparatorja tagħha l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet*. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2009/18/KE
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Il-punt (d) ***jitħassar***	(b) Il-punt (d) ***huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	(d) bastimenti tas-sajd b'tul ta' anqas minn 15-il metru, dment li l-awtorità tal-investigazzjoni ma tiddeċidix li ma tiftaħx investigazzjoni tas-sikurezza abbażi ta' valutazzjoni preliminari.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2009/18/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ ta' bastiment tas-sajd b'tul ta' anqas minn 15-il metru, l-awtorità tal-investigazzjoni ***għandha*** twettaq valutazzjoni preliminari tad-diżgrazzja tal-baħar serja ħafna biex tiddetermina jekk għandhiex titwettaq investigazzjoni tas-sikurezza jew le.	F'każ ta' bastiment tas-sajd b'tul ta' anqas minn 15-il metru, l-awtorità tal-investigazzjoni ***tista'*** twettaq valutazzjoni preliminari tad-diżgrazzja tal-baħar serja ħafna biex tiddetermina jekk għandhiex titwettaq investigazzjoni tas-sikurezza jew le.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2009/18/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-awtorità tal-investigazzjoni tiddeċiedi li ma twettaqx investigazzjoni tas-sikurezza ta' diżgrazzja tal-baħar serja ħafna li tinvolvi bastiment tas-sajd ta' inqas minn 15-il metru, ir-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni għandhom jiġu rreġistrati u nnotifikati f'konformità mal-Artikolu	***imħassra***

17(3).

Or. en

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2009/18/KE
Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Meta tittieħed deċiżjoni dwar jekk diżgrazzja jew inċident tal-baħar li jseħħu maġenb baċir, fl-irmiġġ jew fil-baċir, li jinvolvu ħaddiema tax-xatt jew tal-port, seħħux "direttament b'rabta mal-operazzjonijiet ta' bastiment" u għalhekk humiex soġġetti għal investigazzjoni tas-sikurezza, għandha tingħata kunsiderazzjoni partikolari lill-involviment u r-rilevanza tal-istruttura, it-tagħmir, il-proċeduri, l-ekwipaġġ u l-maniġment tal-vapur għall-attività li tkun qed titwettaq.	6. Meta tittieħed deċiżjoni dwar jekk diżgrazzja jew inċident tal-baħar li jseħħu maġenb baċir, fl-irmiġġ jew fil-baċir, li jinvolvu ħaddiema tax-xatt jew tal-port, seħħux "direttament b'rabta mal-operazzjonijiet ta' bastiment" u għalhekk humiex soġġetti għal investigazzjoni tas-sikurezza, għandha tingħata kunsiderazzjoni partikolari lill-involviment u r-rilevanza tal-istruttura, it-tagħmir, il-proċeduri, l-ekwipaġġ u l-maniġment tal-vapur għall-attività li tkun qed titwettaq. ***Meta jkun meħtieġ, għandha tiġi kompluta lista ta' kontroll tas-saħħa u tas-sikurezza.***

Or. en

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2009/18/KE
Artikolu 5 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Għandha tinbeda investigazzjoni tas-sikurezza mingħajr dewmien wara li jseħħu d-diżgrazzja tal-baħar jew l-inċident tal-baħar u f'kull każ, mhux aktar tard minn ***xahrejn*** wara li jseħħu.	7. Għandha tinbeda investigazzjoni tas-sikurezza mingħajr dewmien wara li jseħħu d-diżgrazzja tal-baħar jew l-inċident tal-baħar u f'kull każ, mhux aktar tard minn ***xahar*** wara li jseħħu.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a
Direttiva 2009/18/KE
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-twettiq ta' investigazzjonijiet paralleli tas-sikurezza dwar l-istess diżgrazzja jew inċident tal-baħar għandu jkun strettament limitat għal każijiet eċċezzjonali. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bir-raġunijiet għat-twettiq ta' dawn l-investigazzjonijiet paralleli. L-Istati Membri li jwettqu investigazzjonijiet paralleli tas-sikurezza għandhom jikkooperaw ma' xulxin. B'mod partikolari, l-awtoritajiet tal-investigazzjoni involuti għandhom jiskambjaw kwalunkwe tagħrif ***rilevanti*** miġbur waqt l-investigazzjonijiet rispettivi tagħhom, b'mod partikolari sabiex jaslu, kemm jista' jkun, għal konklużjonijiet komuni.	It-twettiq ta' investigazzjonijiet paralleli tas-sikurezza dwar l-istess diżgrazzja jew inċident tal-baħar għandu jkun strettament limitat għal każijiet eċċezzjonali. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bir-raġunijiet għat-twettiq ta' dawn l-investigazzjonijiet paralleli. L-Istati Membri li jwettqu investigazzjonijiet paralleli tas-sikurezza għandhom jikkooperaw ma' xulxin. B'mod partikolari, l-awtoritajiet tal-investigazzjoni involuti għandhom jiskambjaw kwalunkwe tagħrif miġbur waqt l-investigazzjonijiet rispettivi tagħhom ***fil-hin***, b'mod partikolari sabiex jaslu, kemm jista' jkun, għal konklużjonijiet komuni.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Direttiva 2009/18/KE
Artikolu 7 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1a. Matul it-twettiq tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar, l-Istati b'interess sostanzjali jenħtieġ li jgħinu, sa fejn ikun prattiku, lill-Istat(i) Membru/i li jmexxu l-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar b'aċċess għall-informazzjoni ***rilevanti*** għall-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar. L-investigatur jew l-investigaturi li jwettqu investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar għandhom jingħataw ukoll aċċess għas-surveyors tal-Gvern, għall-uffiċjali	1a. Matul it-twettiq tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar, l-Istati b'interess sostanzjali jenħtieġ li jgħinu, sa fejn ikun prattiku, lill-Istat(i) Membru/i li jmexxu l-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar b'aċċess għall-informazzjoni ***kollha*** għall-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar. L-investigatur jew l-investigaturi li jwettqu investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar għandhom jingħataw ukoll aċċess għas-surveyors tal-Gvern, għall-uffiċjali tal-

tal-gwardja tal-kosta, għall-operaturi tas-servizzi tat-traffiku tal-vapuri, għall-bdoti u għal persunal tal-baħar ieħor tal-Istat b'interess sostanzjali.	gwardja tal-kosta, għall-operaturi tas-servizzi tat-traffiku tal-vapuri, għall-bdoti u għal persunal tal-baħar ieħor tal-Istat b'interess sostanzjali.
	Or. en

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva 2009/18/KE
Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex investigazzjoni tas-sikurezza titwettaq b'mod imparzjali, l-awtorità tal-investigazzjoni għandha tkun indipendenti fl-organizzazzjoni, fl-istruttura legali u fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha minn kwalunkwe parti li l-interess tagħha jista' jkun f'kunflitt mal-kompitu fdat lilha.	Sabiex investigazzjoni tas-sikurezza titwettaq b'mod imparzjali ***u sabiex jiġi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interessi***, l-awtorità tal-investigazzjoni għandha tkun indipendenti fl-organizzazzjoni, fl-istruttura legali u fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha minn kwalunkwe parti li l-interess tagħha jista' jkun f'kunflitt mal-kompitu fdat lilha.
	Or. en

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva 2009/18/KE
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-attivitajiet fdati lill-awtorità tal-investigazzjoni ***jistgħu*** jiġu estiżi ***għall-ġbir*** u ***għall-analiżi*** ta' data relatata mas-sikurezza marittima, b'mod partikolari għal skopijiet ta' prevenzjoni, sa fejn dawn l-attivitajiet ma jaffettwawx l-indipendenza tagħha u ma jinkludux responsabbiltà f'affarijiet regolatorji, amministrattivi jew ta' standardizzazzjoni.	3. L-attivitajiet fdati lill-awtorità tal-investigazzjoni ***għandhom*** jiġu estiżi ***biex jinkludu l-ġbir, l-analiżi*** u ***l-ipproċessar*** ta' data relatata mas-sikurezza marittima, b'mod partikolari għal skopijiet ta' prevenzjoni, sa fejn dawn l-attivitajiet ma jaffettwawx l-indipendenza tagħha u ma jinkludux responsabbiltà f'affarijiet regolatorji, amministrattivi jew ta' standardizzazzjoni.
	Or. en

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva 2009/18/KE
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri, filwaqt li jaġixxu fil-qafas tas-sistemi legali rispettivi tagħhom, għandhom jiżguraw li l-investigaturi tal-awtorità tal-investigazzjoni tagħhom, jew ta' kwalunkwe awtorità tal-investigazzjoni oħra li lilha ***ddelega l-kompitu*** tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar, fejn xieraq f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet responsabbli mill-inkjesta ġudizzjarja, ikunu ġew mogħtija kull informazzjoni pertinenti sabiex iwettqu l-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar u għaldaqstant ikunu awtorizzati li:	4. L-Istati Membri, filwaqt li jaġixxu fil-qafas tas-sistemi legali rispettivi tagħhom, għandhom jiżguraw li l-investigaturi tal-awtorità tal-investigazzjoni tagħhom, jew ta' kwalunkwe awtorità tal-investigazzjoni oħra li lilha ***jkun ġie ddelegat il-kompitu*** tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar, fejn xieraq f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet responsabbli mill-inkjesta ġudizzjarja, ikunu ġew mogħtija kull informazzjoni ***u mezz teknoloġiku*** pertinenti sabiex iwettqu l-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar u għaldaqstant ikunu awtorizzati li:

Or. en

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva 2009/18/KE
Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ia) jitolbu l-assistenza tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), f'konformità mal-Artikolu 17a(2);

Or. en

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15

Direttiva 2009/18/KE
Artikolu 17a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni ***għandha tiffaċilita*** l-iżvilupp tal-kapaċitajiet kif ukoll il-kondiviżjoni tal-għarfien fi ħdan u bejn l-awtoritajiet tal-investigazzjoni permezz tal-għoti ta' taħriġ dwar żviluppi legali u teknoloġiċi ġodda, tekniki u għodod speċifiċi u teknoloġiji relatati mal-bastimenti, it-tagħmir u l-operazzjonijiet tagħhom.	1. Il-Kummissjoni ***u l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) għandhom jiffaċilitaw*** l-iżvilupp tal-kapaċitajiet kif ukoll il-kondiviżjoni tal-għarfien fi ħdan u bejn l-awtoritajiet tal-investigazzjoni permezz tal-għoti ta' ***sessjonijiet ta'*** taħriġ ***u ċertifikazzjonijiet regolari*** dwar żviluppi legali u teknoloġiċi ġodda, tekniki u għodod speċifiċi u teknoloġiji relatati mal-bastimenti, it-tagħmir u l-operazzjonijiet tagħhom.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Direttiva 2009/18/KE
Artikolu 17a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fuq talba tal-awtoritajiet tal-investigazzjoni tal-Istati Membri, u jekk wieħed jassumi li ma jinħoloq l-ebda kunflitt ta' interess, il-Kummissjoni ***għandha tipprovdi*** sostenn operazzjonali lil dawn l-Istati Membri fit-twettiq tal-investigazzjonijiet tas-sikurezza tagħhom. Tali sostenn jinkludi l-forniment ta' għodod jew tagħmir analitiku speċjalizzat, kif ukoll għarfien espert.	2. Fuq talba tal-awtoritajiet tal-investigazzjoni tal-Istati Membri, u jekk wieħed jassumi li ma jinħoloq l-ebda kunflitt ta' interess, il-Kummissjoni ***u l-EMSA għandhom jipprovdu*** sostenn operazzjonali ***u teknoloġiku*** lil dawn l-Istati Membri fit-twettiq tal-investigazzjonijiet tas-sikurezza tagħhom. Tali sostenn jinkludi l-forniment ta' għodod jew tagħmir analitiku speċjalizzat, kif ukoll għarfien espert.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Direttiva 2009/18/KE
Artikolu 17a – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni u l-EMSA għandhom jipprovdu taħriġ apposta lill-awtoritajiet tal-investigazzjoni dwar l-użu ta' teknoloġiji investigattivi, tagħmir u dwar teknoloġiji ġodda relatati mal-iżviluppi fit-trasport marittimu.

Or. en

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) ***fl-Artikolu*** 20***, ir-raba' paragrafu*** huwa sostitwit b'dan li ġej:	(17) ***l-Artikolu*** 20 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Or. en

(32009L0018)

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Direttiva 2009/18/KE
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' taġġorna d-definizzjonijiet ***f'din id-Direttiva***, ***u r-riferenzi għall-atti Komunitarji u l-istrumenti tal-IMOsabiex tikkonformahom mal-miżuri Komunitarji jew*** tal-IMO li daħlu fis-seħħ, suġġett għall-osservanza tal-limiti ta' din id-Direttiva.	***"Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20a biex temenda din id-Direttiva billi*** taġġorna d-definizzjonijiet ***u l-Annessi sabiex tikkonforma mal-bidliet fid-dritt marittimu internazzjonali***, ***kif irregolat mill-IMO, kif ukoll biex taġġorna r-referenzi magħmula għal atti oħra tal-Unjoni u għal strumenti*** tal-IMO li daħlu fis-seħħ, suġġett għall-osservanza tal-limiti ta' din id-Direttiva.

Or. en

(32009L0018)

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Direttiva 2009/18/KE
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
Dawk il-miżuri, mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, inter alia billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 19(3).	***imħassar***

Or. en

(32009L0018)

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Direttiva 2009/18/KE
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
Filwaqt li taġixxi skond l-istess proċedura, il-Kummissjoni tista' temenda wkoll l-Annessi.	***imħassar***

Or. en

(32009L0018)

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17a (ġdid)
Direttiva 2009/18/KE
Artikolu 20a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) jiddaħħal l-Artikolu 20a li ġej:

Artikolu 20a

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 20 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ].

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 20 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 20 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-

Kunsill.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta tal-Kummissjoni tikkonċerna modifika tad-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE u d-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Direttiva tipprevedi sistema ta' investigazzjonijiet tas-sikurezza biex jiġu misluta lezzjonijiet minn aċċidenti marittimi u biex tiġi evitata l-okkorrenza mill-ġdid tagħhom. L-aċċidenti marittimi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jiġu investigati biex tittejjeb is-sikurezza marittima u biex jiġi protett l-ambjent tal-baħar.

L-objettiv ġenerali tar-reviżjoni tad-Direttiva huwa li jittejbu s-sikurezza marittima u l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar. Il-qafas regolatorju attwali tal-UE għandu jiġi aġġornat sabiex (i) jinżammu r-regoli tal-UE meta meħtieġa u proporzjonati; (ii) tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta tagħhom; u (iii) jiġu eliminati kwalunkwe duplikazzjoni potenzjali tal-obbligi u inkonsistenzi bejn biċċiet ta' leġiżlazzjoni relatati. L-objettiv kumplessiv huwa li jiġi previst qafas legali ċar, sempliċi u aġġornat li jżid il-livell kumplessiv tas-sikurezza.

Ir-rapporteur tipproponi xi emendi bl-għan li jkun hemm allinjament sħiħ mad-dritt marittimu internazzjonali, approċċ realistiku lejn il-kamp ta' applikazzjoni kif ukoll l-investigazzjoni tas-sikurezza, u sikurezza msaħħa għall-ħaddiema tal-portijiet involuti f'aċċidenti marittimi.

L-ewwel nett, il-proposta tistipula li l-investigazzjoni tas-sikurezza għandha tibda mhux aktar tard minn xahrejn wara li jkun seħħ l-aċċident. Ir-rapporteur tissuġġerixxi li dan il-perjodu jitqassar, sabiex jiżdiedu l-effiċjenza u l-effettività tal-proċess ta' investigazzjoni.

It-tieni, fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea tissuġġerixxi li tingħata aktar attenzjoni lill-kawżi tal-aċċidenti u tal-inċidenti tal-bastimenti tas-sajd. Filwaqt li analizzat il-konsegwenzi possibbli għall-inklużjoni ta' bastimenti tas-sajd iżgħar fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, ir-rapporteur qajmet xi dubji dwar il-prattiċità ta' kamp ta' applikazzjoni estiż. Konxja tal-fatt li jista' jkun utli ħafna li jiġi ffaċilitat l-involviment tal-Istati Membri fit-twettiq ta' investigazzjoni ta' diżgrazzji ta' bastimenti tas-sajd żgħar, abbażi ta' data standardizzata relatata mad-diżgrazzji, l-inklużjoni ta' bastimenti tas-sajd iżgħar fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jista' jkollha impatt kbir fuq ir-riżorsi disponibbli tal-awtoritajiet ta' investigazzjoni tal-Istati Membri. B'mod konċiż, hija kwistjoni ta' prattiċità u ta' fattibbiltà mill-perspettiva tal-Istati Membri.

Fl-aħħar nett, ir-rapporteur tqis li d-Direttiva għandha tkun konformi mad-dritt marittimu internazzjonali, u b'hekk mal-leġiżlazzjoni tal-IMO. Dan ifisser li d-dispożizzjonijiet fid-Direttiva għandhom ikunu flessibbli biżżejjed (il-ħtieġa ta' referenzi dinamiċi għal-leġiżlazzjoni internazzjonali) sabiex id-direttiva tkun tista' tiġi aġġustata wara kwalunkwe bidla fil-leġiżlazzjoni tal-IMO.